# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Carlo Baldacchino

Illum, 19 ta`Frar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet dedotti kontra **Carlo Baldacchino** (K.I. 171383M) imwieled fl-14 ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (14/3/1983) gewwa Malta u residenti 152, L' Ape, Triq Ganu, Birkirkara, Malta, bl-indirizz tan-negozju Office 9 & 10, The Peak Business Centre, Triq il-Kappella tal-Mirakli, Attard, Malta akkuzat talli bhala direttur u / jew ghan-nom u in rapprezentanza ta' **BALDO LIMITED (C 53351)** u / jew persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni li sehhet fil-**31 ta' Dicembru, 2022** gewwa **Sky Club, Paceville, San Giljan, Malta** int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci rcevuta fiskali permezz ta' *cash register fiskali* u / jew kotba tar-ricevuti fiskali manwali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilek imhallas ghall-avveniment **NY3-BEE ZIGGY BLADE** li sehh fil-31 ta' Dicembru, 2022 gewwa Sky Club, Paceville, San Giljan, Malta u dan bi ksur tal-partititi 1, 2, 3 u 10 tat-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a), 81 u 82 tal-istess Att Nru. XXIII tal-1998.

F’ kaz ta’ htija l-Qorti hija umilment mitluba timponi multa li ma tkunx inqas minn darbjtejn it-taxxa perikolata, liema somma ma ghandiex tkun anqas minn **€ 15,159.66** u dan skont artikolu 77 tal-imsemmi Att.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ Marylnn Schembri; ta’ PL Quentin Tanti; ta’ Daryl; ta’ Jonathon Fenech; ta’ Zvetlana Borg fis-seduta tal-17 ta’ April, 2024 prodotti mill-prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tal-17 ta’ April, 2024 ix-xhud Zvetlana Borg iddikjarat li qieghdha f’ relazzjoni ma Carlo Baldacchino u ma tixtieqx tixhed. Il-Qorti tordna li ma tixhiedx fil-konfront ta’ Carlo Baldacchino imma tixhed fil-konfront ta’ Trevor Randolph Camilleri u Gerald Debono;

Rat li fis-seduta tas-17 ta’ April, 2024 Marylin Schembri Saliba in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ipprezentat *letters to prosecute* fil-konfront ta’ (i) Carlo Baldacchino; (ii) ta`Trevor Randolph Camilleri; u (iii) ta`Gerald Debono.

Rat li l-partijiet ghalqu l-provi fis-seduta tal-17 ta’ April 2024;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l- partititi 1, 2, 3 u 10 tat- Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a), 81 u 82 tal-istess Att Nru. XXIII tal-1998

Ikkunsidrat,

<u>Xhieda tal-Prosekuzzjoni.</u>

**Marilyn Schembri Saliba**, revenue inspector in rappreżentanza tal-MTCA Malta Tax and Customs Administration, xehedet fis-seduta tas-17 ta' April, 2024 ipprezentat *letter to prosecute* fil-konfront ta`Carlo Baldacchino, ta`Trevor Randolph Camilleri u ta` Gerald Debono.

**PL Quentin Tanti,** in rappreżentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji, xehed fis-seduta tas-17 ta' April 2024. Mitluba jixhdu dwar  informazzjoni dwar socjeta Kummercjali bl-isem Ta`Baldo Ltd numru 53351 speċifikatament ghad-data l-31 ta' Diċembru tas-2022. Id-diretturi f'din id-data kienu Gerald Debono numru tal-karta tal-identità 68879M. Trevor Randolph Camilleri, numru tal-karta tal-identità 219680M kif ukoll Carlo Baldacchino numru tal-karta tal-identità 171383M. Il-Company Secretary kien wieħed mid-diretturi li huwa Carlo Baldaccino Id: 171383M.

**Daryl Cachia,** spettur tat-taxxa mal-MTCA Malta Tax and Customs Authority xehed fis-seduta tas-17 ta' April 2024. Jixhed li kienu stazzjonati Paceville Sky Club, Paceville waqt l-event ta' Bee Ziggy Blade New Years̀ Eve.  Meta marru Sky Club Paceville kellmu lil Svetlana Borg kienet wahda milli tiehu hsieb u talbuha juruhom l-online tickets kif kienu u wkoll il-fisical tickets online ghal tickets li jkunu nxtraw online u thallsu online. Qed jezebixxi l-online ticket – Dok DC kif ukoll fiscal ticket Dok DC 1. Jixhed:- *"Mela fuq l-online ticket suppost kellu l-exemption number u m'għandux u fuq il-fisical ticket suppost kellu l-exemption u l-permit number u m'għandux permit number, Ifisser ifisser li mhumiex fiskali 2 li huma."*  Jixhed li mit-ticket li inghataw mis-Svetlana Borg, m' ghandux  XO number jigifieri is-sistema qatt ma giet awtorizzata minn naha tad-dipartiment u allura "all in terms in purposes ahna ma nafux biha".

Mistoqsi x' hin raha it-tickets x' ghamel jirrispondi li dak il-hin ma gara xejn imma wara kien hemm korrispondenza ma' persuna oħra fejn intabet  toħroġilna l-irċevuta tat-total globali. L-ircevuta li talbuh huma hija ezebita Dok DC. Din l-ircevuta tikkonsisti tat-tickets totali li tammonta għal-49,690.

Jezebixxi ukoll korrispondenza bejnu u bejn Tristan Galea li skont ix-xhud tikkonsisti

“Xhud: Din hija korrispondenza bejni u bejn is-sur Tristan Galea fejn qed jgħidilna kemm kien hemm tickets totali biex aħna stajna naslu nitolbuh l-irċevuta fiskali, DOK DC 4 l-email, issa id-DOK DC l-online ticket, DOK DC1 huwa fisical ticket, DOK DC 2 mġhandix ghax DOK DC 3 ircevuta tat-total, DOK DC 4 hija l-email bejni u bejn is-sur Tristan Galea. DOK DC2 rapport.”

Jezebixxi ukoll ticket li scannja fuq il-post – Dok DC 5.

L-ircevuta fiskali inharget fuq insistenza tar-rapprezentanti tad-dipartiment fejn gie spjegat lilhom li ma humiex konformi mal-ligi u “b'hekk bagħtilna fil-fatt din l-irċevuta għall-fiscal receipt for both on line fisical tickets li kienu għal dak il-party partikolari.”

In kontro-ezami. Meta ghamel l-ispezzjoni kien ma kollega tieghu, Jonathan Fenech. Hu u s-Sur Fenech kienu flimkien. Jikkonferma li fuq il-post ma kellmux lil imputati. Lil imputati ma kellmuhomx la qabel l-event u l-anqas wara. Il-korrispondenza kienet ma Tristian Galea.

Huma ikkomumikaw ma Tristan Galea u ma Glen Farrugia b’ email.

Glen Farrugia ikkomunika mieghu dwar dak li gara waqt l-ievent u ikkopera maghhom. Glen Farrugia irrisponda b’ email ta’ kumpanija 356 Group.

Mistoqsi dwar it-ticket li gie forniet lilhom minn Svetlana jirrispondi li dan it-ticket la kellu l-permit number u l-anqas il-permess. It-ticket jiswa hamsa u ghoxrin ewro.

Avu: Mela allura sur Cachia importanti għall-fatti jkunu ċari għal-Qorti inti lil Svetlana tlabtha 2 forom kategoriji ta' tickets a fiscial ticket and an online ticket u domandi li ħa nagħmillek fuq għall-online okay. Inti ghedtilna li dawn l-online jinbiegħu online, Meta l-jinbiegħu online isir pagament through credit card?

Xhud: Hekk hu dawn normalment huwa pre-paid hux hekk?

Xhud: Malli jinqgħata t-ticket jaghddu l-flus.

Avu: Dawn online normalment jinbiegħu online hux hekk u normalment jinbiegħu qabel l-event hux hekk?

Xhud: Ħadd mhu se jħallas event li jkun li jkun ġa għadda hux hekk.

Avu: Inti mid-dokumenti li tlabt mill-investigazzjonijiet li għamilt dan biss għamilt inti m' għamilt xejn iktar li ma xehedx dwaru hux hekk?

Xhud: Kien hawn mehmuż mar-rapport.

Avu: Jiġifieri fl-ebda mument ma vverifikajt, Fl-ebda mument ma verifikajt meta nbiegħu dawn it-tickets?

Xhud: Le.

Avu: Inti nspector mad-dipartiment tal-VAT allura nixtieqek tikkonfermali li it-Taxxa u l-VAT tigi dovuta mal-mument li jsir is-sale hux hekk?

Xhud: Hekk hu."

**Svetlana Borg,** xehedet fis-seduta tas-17 ta' April, 2024.

Ix-xhud tiddikjata li hija ma tixtieqx tixhed fil-konfront ta' Carlo Baldacchino.

Tixhed li meta dahlu l-ispetturi tat-taxxa kien Lejliet l-Ewwel tas-Sena.

Dak in-nhar hija kienet qehdha tghin, tiehu hsieb il-floor biex tara li kollox miexi sew. Hija ma hijiex impjegata imma kienet qed tghin lil boyfriend taghha – wiehed mill-imputati Carlo Baldacchino. Dak il-hin inzertat harget fil-bieb. L-ispetturi tal-VAR staqsewha ghal isimha u kunjomha u riedu t-ticket.

Hija kellmet lil ispetturi tal-VAT ghaliex tal-bieb qalulha bihom u kienet hemmhekk.

L-ispetturi tat-taxxa talbuha isimha u kunjomha u talbuha fiscal ticket tal-party. – tikkonferma li huwa Dok. DC 5. Hadulha l-informazzjoni u telqu.

**Jonathan Fenech,** Revenue Inspector mal-Malta Tax and Customs Administration, xehed fis-seduta tas-17 ta' April 2024. Jixhed.

**"**Xhud: Mela dak in-nhar ġejna assenjati fil-31 ta' Diċembru tat-2022 ġejna assenjati naħdmu event ta' New Year's Eve ġewwa l-SKY CLUB jinsab ġo Paceville, u morna biex naraw sample tal-biljetti. Kellimna lil Svetlana Borg u urietna sample tal-biljetti u mbagħad hemmhekk kellimna tal-biljetti fiżiċi jaħdmu bihom in-nies li pprintjati u kellimna wkoll il-Mr. Glenn Farrugia u min-naħa tiegħu uriena sample tal-biljetti online. Imbagħad issa rriżulta li kemm il-biljetti fiżiċi u kemm dawk onlajn ma kellhom la permit number la exmption number xejn u lanqas VAT number fuqhom."

Mistoqsi fuq id-dokumentazzjoni ezebita jirrispondi

Xhud: Biljett DC 5 dan general admission ticket ta prezz ta 25 ewro Vat number 20535105 imma xejn iktar ifisser li mhuwiex fiskali ghax ma kellux la EXO number u lanqas permit number. DOK DC4 mela email li intbghatet mis-sur Cachia lil Tristan Galea rigward fejn intalab johroglu fiscal receipt ta 45,975 ghall ta kemm biljetti inbeighu online u ohra 3,715 tal-fisical tickets. DOK DC dan huwa sample ghall-ticket li semmejt l-ewwel u kull ma kellu l-istess ma kellu ebda XO number u lanqas permit number. U dan kopja fisical tickets li semmejt l-ewwel ukoll u din kopja tar-rapport,

u kopja tal-irċevuta fiskali imbagħad li kien talab lill-kollega lis Sur Cachia mbagħad għal-bejgħ tal-ammonti online."

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa akkuzat talli bhala direttur ta' Baldo Limited (C 53351) waqt spezzjoni li sehhet fil-31 ta' Dicembru, 2022 gewwa Sky Club, Paceville, San Giljan, Malta int jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek naqsu milli jipprovdu rcevuta fiskali li jikkonfermaw mal-ligi ghall-avveniment **NY3-BEE ZIGGY BLADE** li sehh fil-31 ta' Dicembru, 2022 gewwa Sky Club, Paceville, San Giljan, Malta.

Il-Prosekuzzjoni qed tghid li l-imputat naqas milli johorgu ircevuta fiskali skont il-ligi u li ma kellhomx permess li jaghmlu l-event. Il-prosekuzzjoni tghid li la l-online ticket u l-anqas il-biljett fiziku ma kienu konformi mal-ligi. L-ircevuta fiskali harget fuq insistenza tar-rapprezentanti tal-kummissarju tal-VAT.

.

Ikkunisdrat

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l ħinn kull dubju dettat mir-raġuni. (ara Il-Pulizija vs Peter Ebejer Appell Kriminali, 5.12.1997; Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[1], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 24.06.2021).

L-ispetturi tal-VAT li investigaw il-kaz xehedu li wara li sar l-avveniment ikkorispondew ma certu Glen Farrugia, li ma giex ipprovat li kien qed jagixxi ghan-nom tal-imputati jew li ghandu xi rwol fil-kumpanija Baldo Limited. Glen Farrugia ma giex prodott bhala xhud f' dawn il-proceduri u ghalhekk il-korrispondenza b' email li giet ipprezentata mill-prosekuzzjoni ma gietx awtentikata u kkonfermata mill-persuna li lilu kienet

[1] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

indirizzata.  B' zieda ma dan l-ispetturi tal-VAT ma kienux prezenti la ghal bejgh ta' biljett fiziku u l-anqas meta sar il-bejgh ta' online ticket u talba sample.

Illi l-Qorti wara li rat il-provi prodotti a dispozizzjoni taghha tikkunsidra li ma giex ipprovat minghajr ombra ta' dubju, u li hemm konflitt ta' provi u ghal din ir-raguni ser tghaddi biex tillibera lil intimat.

**Decide**

Għaldaqstant l-Qorti wara li rat il-partititi 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(a), 81 u 82 tal-istess Att Nru. XXIII tal-1998 issib lil imputat **Carlo Baldacchino** mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull piena u htija.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**